

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2019 — Turk Hava Yollari vs EUIPO — Sky (skylife)****(Kawża T-382/19)**

(2019/C 270/46)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Turk Hava Yollari AO (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentant: R. Almaraz Palmero, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sky Ltd (Isleworth, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali li tindika l-Unjoni Ewropea skylife — Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 898 322 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' revoka

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' April 2019 fil-Każ R 880/2018-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-EUIPO jiddikjara valida r-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark ikkontestata Nru 898 322 għall-prodotti u s-servizzi kollha rreġistrati fil-klassijiet 39 u 41;
- tordna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, Sky Limited, iħallsu l-ispejjeż kollha tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali inklużi dawk relatati mal-proċedimenti quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-